# KUNSILL LOKALI ISLA

# IL-ĦAMES KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU SITTA

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar l-Erbgħa 15 ta' Ġunju, 2005 fis-6.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Mistoqsijiet.
(4) Insurance Policy għall-Kunsill.
(5) Support fl-Edukazzjoni.
(6) Summer Club.
(7) Ħatra ta' Deputat Segretarja.

## 6 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

Ġew ppreżentati u approvati żewġ addendi mal-Minuti kif ippreżentati (kopja mehmuża).

6(1).1 Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva l-minuti nem con. kif emendati.

## 6 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku ta rendikont tal-ħidma li saret mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill li kienet inżammet fl-1 ta' Ġunju, 2005.

6 (2).1 Żjara ta' għalliema minn Ċipru u l-Ġermanja

Is-Sindku Joseph Casha u l-Viċi Sindku Walter Ahar kienu mistiedna għal bibita fl-iskola Primarja Dom Mauro Inguanez bħala parti minn żjara ta' erba' għalliema minn Ċipru u l-Ġermanja li qed jieħdu sehem fil-proġett comenius ma' l-istess Skola.

L-għada 3 ta' Ġunju, 2005 dawn l-erba' għalliema kienu mistiedna tal-Kunsill. Għal din il-laqgħa kien mistieden il-Kunsill kollu u l-istaff. Saru bdil ta' idejat esperjenzi u rigali.

6 (2).2 Mappa Turistika tal-kottonera (03/06/05)

Is-Sindku Joseph Casha attenda għal launching ta' din il-mappa bil-Franċiż u li saret ġewwa l-Forti ta' Sant'Anġlu. Kien preżenti l-Ambaxxatur Franċiż li wera' nteress kbir li jżur il-belt ta' l-Isla.

6 (2).3 Kors – Self Esteem (06/06/05)

Is-Sindku kien mistieden għal attivita' mtella' mill-FES fl-Iskola Primarja Dom Mauro Inguanez f'egħluq dan il-kors fejn ġew involuti l-ġenituri u t-tfal.

6 (2).4 Inċident f'Misraħ 4 ta' Settembru (07/06/05)

Fis-7 ta' Ġunju ġie rrapurtat lili mill-President tal-Banda s-Sur Alfred Caruana każ ta' kwantita' kbira ta' oxide fil-Każin tal-Banda. Mort hemm u nsib lill-barman f'nofs ta' triq b'ħafna għajjat u diskors li ma' kienx lok li jsir barra. Veru li kien mitluf minn sensieh, imam naħseb li l-Kumitat setgħa kkalmah. Dan beda jinsisti miegħl biex jien ma' nkunx beżżiegħ u tal-linja jitneyħħew darba għal dejjem minn hemm.

Tkellimt miegħu fejn għidtlu li l-Kunsill ma' jistgħax jieħu deċiżjoni fuq dak li jgħidu n-nies fit-triq, imam jisma xi jridu, jiltaqa' l-Kunsill u jekk il-Kunsill jaqbel, każ bħal dan issir Laqgħa Pubblika. Għidtlu wkoll lid an il-każ ser jitressaq quddiem il-Kunsill fl-ewwel laqgħa li jmiss.

Ma' nistgħax nifhem ukoll kif nhar ta' Ħadd ikun hawn 6 karozzi tal-linja.

Għamilt rapport ukoll lill-Pulizija u lill-Assoċjazzjoni tat-Trasport fejn dan il-każ ser jitressaq fil-Qorti.

6 (2).5 Waste Serv – Bring in sites (08/06/05)

Saru diskussjonijiet mar-rappreżentanti tal-kumpanija waste Serv Ltd bil-ħsieb li jiġl introdott is-servizz ta' l-ewwel bring in sites adekwati u l-finanzjament tagħhom. Kellha ssir inspection fis-sites proposti. Id-Diskussjoni għandha tkompli.

6 (2).6 Laqgħa ma' l-ADT (09/06/05)

Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mad-direttorat ta' l-ADT

dwar traffic management fl-Isla.

Għandha ssir inspection f'dawn is-siti li ġew diskussi fil-laqgħa dwar traffic management (Kopja tal-minuti mehmuża).

6 (2).7 Laqgħa tas-sotto Kumitat Edukazzjoni (10/06/05)

F'din il-laqgħa ġie diskuss is-Summer Club kif ukoll ġie mogħti tagħrif dwar introduzzjoni ta' servizz ta' support fl-edukazzjoni. (Kopja tal-Minuti mehmuża)

6 (2).8 Anniversarju - Diplomatic Relations (09/06/05)

Għal din l-istedina mar il-Kunsillier Louis Henwood f'isem is-Sindku Joseph Casha li ma' setgħax jattendi minħabba mpenji oħra.

6 (2).9 Proġett Qualicities – 04/1371/05/I (13/06/05)

Saret laqgħa bejn s-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi tat-tlett ibliet tal-kottonera fil-Kunsill Lokali Isla.

Ġie miftiehem kif ser nitolbu għar-refunds ta' l-ispejjeż li saru fil-laqgħa li saret f'Arles, Franza. Ġie diskuss ukoll il-budget u l-ħidma għal li ġej.

Is-Sinjura Nadia Theuma li hija l-kordinatur tal-proġett kienet preżenti u fil-ġranet li ġejjin għandha tibgħat minuti ta' din il-laqgħa.

Il-Kunsill ser jindika x'inhuma il- 5 good practices fil-lokal qabel l-24 ta' Ġunju, 2005 – 04/1382/05/I.

6 (2).10 Attivita' Kulturali f'Awwissu (13/06/05)

Tkompliet id-diskussjoni dwar attivita' li hemm il-ħsieb titella f'Awwissu fil-lokal ta' l-Isla. Ġie diskuss kif ser jinġabru sponsors u d-draft programme.

Preżenti kienu s-Sindku Joseph Casha, Nadia Theuma, Anton Theuma u Pierre Bonello. Fil-laqgħa li jmiss il-programm jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

6 (2).11 Laqgħa – Regatta Club (26/05/05)

Is-Sindku Joseph Casha us-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Kunsillier Reno chircop kellhom laqgħa fil-Kunsill mal-President u s-segretarju ta' dan il-Klabb.

Saru diversi diskussjonijiet u bdil ta' idejat fuq diversi suġġetti. Ġew mistiedna biex il-Kumitat jikteb uffiċjalment u jibgħat it-talbiet u s-suġġerimenti tagħhom għad-diskussjoni tal-Kunsill.

## 6 (2).12 Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn it-30 ta' Mejju u l-10 ta' Ġunju, 2005 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/1370/05/I MEPA*

Il-Kunsill irċieva deċiżjoni għall-permessi 0417/05 0 05524/04 u 00265/05.

*04/1373/05/I Devoluzzjoni ta' mħażen ħdejn il-Maċina*

Id-direttur għall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill li din id-devoluzzjoni għadha għaddejja bil-proċess.

*04/1386/05/I Commonwealth Youth Forum 2005 – 16 sat-23 ta' Novembru, 2005*

Il-Kunsill ġie mistieden biex jibgħat żewġ żgħażagħ biex jipparteċipaw f'din il-konferenza. Deċiżjoni min jintbagħat titieħed aktar tard.

*04/1387/05/I Lombard Bank plc*

Il-Kunsill ġie nfurmat li setgħa jiġbor il-kompjuters kif imwiegħed.

*04/1388/05/I Town Twinning Project*

L-applikazzjoni ntbagħtet u qed isir tentattiv biex jinkisbu aktar fondi mill-Eu għal dan il-proġett.

*04/1389/05/I Żgħażagħ Azzjoni Kattolika*

Talba miż-Żgħażagħ Azzjoni Kattolika biex jagħmlu attivita' fejn il-Maċina is-Sibt 9 ta' Lulju, 2005 fl-okkażjoni tal-World Youth Day.

*04/1410/05/I Uffiċċju tal-Kompetitivita*

Stedina biex issir laqgħa għar-residenti nhar l-1 ta' Settembru, 2005. Il-Kunsill jixtieq jibdel id-data minħabba li din tiġi eżatt fil-ġranet tal-festa.

*04/1418/05/I Kodiċi ta' Etika għall-Kunsilliera*

Il-Kunsill irċieva dan il-kodiċi abażi ta' l-AL 179/2003.

*04/1427/05/I Awtorita tas-Saħħa u Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol*

L-Awtorita tas-Saħħa u Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol bagħtet ir-regolamenti maħruġa mill-

istess Awtorita għall-ħarsien fuq il-post tax-xogħol. Talbet lill-Kunsilli biex jaraw li dawn ir-regolamenti jiġu segwiti qabel jinħarġu permessi. Għandha ssir dikjarazzjoni.

*04/1438/05/I* *Stedina għal żjara f'Hamm il-Ġermanja*

Is-Sindku ta' Hamm stieden lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħmlu żjara uffiċjali f'Hamm bejn l-10 u t-12 ta' Awwissu, 2005.

L-ispejjeż tal-vjaġġ huma madwar Lm 288. Il-Kunsill approva din l-istedina.

*04/1439/05/I* *Stedina mis-Segretarju Parlamentar għall-Ġustizzja u l-Intern*

Saret stedina għal seminar mis-Segretarju Parlametari għall-Ġustizzja u l-Intern bit-tema Esperjenzi ta' Libreriji Pubbliċi. Il-Kunsill qabel li jibgħat lis-Sinjura Graziella Cassar Gellel.

*04/1441/05/I* *Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Diżabilita'*

Stedina għal seminar organiżżat mill-Kummisjoni Nazzjonali Persuni B'Diżabilita' fil-Lukanda San Antonio nhar it-2 ta' Lulju, 2005 u konferenza fil-25 ta' Ġunju, 2005.

*04/1445/05/I* *Kumitat Sezzjonali PN - Isla*

Il-Kumitat lokali tal-PN talbu biex jiltaqgħu mal-Kunsill nhar it-Tlieta 21 ta' Ġunju, 2005. Il-Kunsill ser joffri data alternattiva bejn l-4 u s-6 ta' Lulju, 2005 minħabba mpenji oħrat al-Kunsill.

*04/1454/05/I* *Kumitat Konġunt LES*

Talba biex nikkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħna fil-pooling system LES. Il-Kunsill approva dan.

*04/1458/05/I* *Familja Zammit*

Il-Kunsill approva t-talba tal-familja Zammit għall-użu tas-sala tal-Kunsill nhar il-Ħadd 19 ta' Ġunju, 2005.

*04/1459/05/I* *Kummissjoni Żgħażagħ Queen's Own Band Club*

Talba mill-Kummissjoni Żgħażagħ Queen's Own Band Club biex jorganiżżaw attivita' nhar il-5 u s-6 ta' Settembru, 2005.

Il-Kunsill bi ħsiebu jiddiskuti din it-talba magħhom aktar tard.

## 6 (3) Mistoqsijiet

Ma' kienx hemm mistoqsijiet bil-miktub biex jiġu diskussi f'din il-laqgħa tal-Kunsill.

## 6 (4) Insurance Policy għall-Kunsill

Billi din l-item kienet diġa diskussa fil-laqgħa ta' qabel is-Sindku Joseph Casha talab għal aktar idejat u suġġerimenti.

6(4).1 Wara li saru diskussjonijiet, fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva nem con li toħroġ sejħa għal kwotazzjonijiet għall-polza ta' assikurazzjoni fuq dan li ġej :

Office contents
Employer's Liability
Public Liability
Bini tal-Kunsill
General Third Party Liability u
Personal Accident

(Aktar dettalji jinsabu mehmuża ma' dawn il-minuti).

## 6 (5) Support fl-Edukazzjoni

Is-Sindku għamel diversi laqgħat ma' l-erba' persuni li talbu biex jagħtu dan is-servizz fil-Kunsill għat-tfal tal-kinder 2 sa year 3. Il-laqgħat mas-Sinjura Victoria Lia saru separatament minħabba li ma' setgħetx tattendi ma' l-oħrajn.

6(5).1 Jidher li hemm nuqqas ta' qbil fuq liema kriterji għandhom jintużaw biex issir din l-attivita' edukattiva.

Is-Sinjura Lia hija tal-fehma li din l-attivita' għandha tkun ibbażata fuq l-istess curriculum li jitlob li jsir f'dan il-livell.

6(5)2 Għaldaqstant hija tħoss lit kun tagħti l-għajuna tagħha f'attivitajiet edukattivi oħra tal-Kunsill fosthom is-Summer Club.

6(5)3 Il-Kunsill huwa tal-fehma li l-attivita' msemmija tibqa' sejra kif ippjanat u kif issuġġerew it-tlett persuni l-oħra.

## 6 (6) Summer Club

FEs mistennija tagħti tutors għal dan il-proġett kif dejjem tat qabel.

6 (6).1 FES issuġġerit li l-attivita' ta' l-egħluq tal-proġett issir flimkien ma' proġet tieħor li l-FES qed ittella' fl-Iskola Primarja Dom Mauro Inguanez.

6 (6).2 Il-Kunsill qabel li l-egħluq tas-Summer Club isir flimkien mal-Kunsill skolastiku li jkun qed item l-attivitajiet tiegħu wkoll.

6 (6).3 Dan is-Summer Club ser isir kull nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa bejn is-6 ta' Lulju u t-12 ta' Awissu, 2005.

## 6 (7) Nomina ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku Joseph Casha informal ill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv ser ikun bil-leave bejn it-18 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju, 2005.

6(7)1 Fl-ittra tiegħu s-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li sakemm ikun imsiefer ma' jkunx jista' jaqdi d-dmirijiet tiegħu u ppropona li jinħatar deputat segretarju Eżekuttiv għaż-żmien li huwa jkun bil-leave.

6(7)2 Għaldaqstant is-Sindku Joseph Casha ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar ressaq riżoluzzjoni biex is-Sinjura Romina Perici Ferrante (Accountant tal-Kunsill) tinħata bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv (Riżoluzzjoni mehmuża).

6(7)3 Din ir-riżoluzzjoni ġiet approvata nem con.

## 6 (8) Ħwejjeġ Oħra

6(8)1 Ħinijiet ta' l-Uffiċċju

L-Uffiċini amministrattivi tal-Kunsill ser ikunu miftuħa bejn it-8.00am u s-1.30pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa fiż-żmien tas-sajf mis-16 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru, 2005.

6(8)2 Żbir ta' Siġar

Għandhu jibqa sejjer kif sar sa issa.

6(8)3 Ċavetta tal-Kunsill

Il-Kunsill qabel li kull Kunsillier għandu jkollu ċavetta tal-Kunsill barra dik ta' l-uffiċċju amministrattiv. Ġie mfakkar li minkejja dan kull Kunsillier għandu l-obbligu li jinforma l-uffiċċju amministrattiv meta jkunu ser jużaw il-bini (għandha toħroġ memo).

6(8)4 Żjara mill-Ambaxxatur Arġentin

Il-Kunsillier Charmaine Gerada ser tieħu ħsieb din iż-żjara.

6(8)5 Stedina

Sar qbil li ssir stedina lill-Onor. Jsemond Mugliett fil-lokal biex jiġi muri x-xogħol li sar fit-toroq.

Il-laqgħa ġiet iddikjarata magħluqa fid-8.50pm.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv